**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti Istruttorja**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**vs**
**Omissis**

**Illum 22 ta' Mejju, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Omissis.

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Mejju 2021, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl (23:30hrs), gewwa Triq Nazzarenu, Paola: -

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' omissis, hekk kif gie ccertifikat minn Dr Sarah Casingena Garcia numru ta' registrazzjoni 4561 mic-centru tas-sahha ta' Paola;

2. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu, xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun;

3. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b`ghajjat u/jew bi storbju;

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' **omissis** u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti hija ukoll mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-

Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija finalment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi **omissis** biex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 22 ta' Mejju 2021.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', okkorrenza mmarkata bhala Dok SZ1; personal details immarkati bhala Dok SZ2; fedina penali mmarkata bhala Dok SZ3; rifjut tal-jedd tal-parir legali mmarkata bhala Dok SZ4; stqarrija mmarkata bhala Dok SZ5; certifikat mediku mmarkat bhala Dok SZ6.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-22 ta' Mejju 2021

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tieghu u biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenn l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputati u wara li rat l-Artikoli 214, 216, 218, 338(dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **omissis** hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, u timponi probation order ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

In oltre u bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' omissis qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni ta' Probation u l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**